# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 14 ta' Frar, 2019**

**Kawża Nru. 27**
**Rik. Nru. 532/2012 JRM**

Anthony **MIGNECO**

vs

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI** qabel magħruf bħala l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-29 ta' Mejju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib li l-Avviż tal-21 ta' Novembru, 2011, mibgħut lilu mill-Kummissarju mħarrek mhux konformi ma' dak li jitlob l-artikolu 59(1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) billi ma jispeċifikax kemm mill-ammont mitlub huwa t-taxxa dovuta u kemm minnu jirrappreżenta penali amministrattiva; (b) issib li l-Ittra Uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 2012, ma toħloqx titolu eżekuttiv favur l-imħarrek; (ċ) tħassar u tirrevoka l-effetti kollha tal-Ittra Uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 2012 u tal-Avviż tal-21 ta' Novembru, 2011; u (d) tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-4 ta' Lulju, 2012, li biha l-Kummissarju mħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi beda biex jgħid li l-attur, bħala direttur u sakemm dam f'dik il-kariga, hu responsabbli solidalment mal-kumpannija Medairco Ltd għall-obbligi fiskali tagħha, qabel id-data tal-interdizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati u liema interdizzjoni m'għandhiex effett li tneħħi b'lura r-responsabbilità tiegħu bħala direttur għall-obbligi imposti fuqu mill-liġi tul iż-żmien li hu kien iħaddan dik il-kariga. Żied jgħid li, għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-attur, kemm l-Avviż u kif ukoll l-ittra uffiċjali jindikaw kemm mis-somma mitluba kien l-ammont dovut bħala taxxa u kemm kien jirrappreżenta penali amministrattivi. Minbarra dan, l-ittra uffiċjali nħarġet limitatatament għall-ħlas ta' taxxa dikjarata (mhix kontestata), flimkien mal-penali u mgħaxijiet miġmugħa u ma tolqotx il-mertu tal-appell imressaq minnu u pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli li jitratta dwar stimi ta' taxxa, ukoll jekk l-appell kien tressaq wara ż-żmien. Itenni li l-istimi ma ġewx kontestati fiż-żmien stabbilit mill-liġi u għaldaqstant joħolqu favur il-Kummissarju mħarrek titolu eżekuttiv u li l-għan ta' din il-kawża tiegħu huwa wieħed fieragħ u maħsub biss biex itawwal l-eżekuzzjoni li d-Dipartiment nieda biex jitħallas it-taxxa dovuta lilu;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2012[2], li biha ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat d-degriet tagħha tal-4 ta' Lulju, 2014[3], li bih ċaħdet talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tal-24 ta' Ġunju, 2014[4] biex il-Qorti tissoprasjedi sakemm tinqata' l-kawża numru 309/12 quddiem it-Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva[5];

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015[6], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni ta' l-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[7];

[1] Paġ 10-11 tal-proċess
[2] Paġ. 95 tal-proċess
[3] Paġ. 143 tal-proċess
[4] Paġ. 141 tal-proċess
[5] Il-każ jinsab imħolli għas-sentenza għat-28.5.2019
[6] Paġ. 230 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jattakka bħala ma tiswiex talba li saritilu mill-Kummissarju mħarrek permezz ta' ittra uffiċjali sabiex jirrendi eżekuttiv Avviż li kien intbagħtlu biex iħallas taxxa (VAT), penali u mgħaxijiet dovuti taħt il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talba saritlu fil-kwalità tiegħu u solidament mal-kumpannija Medairco Limited. L-attur jgħid li kemm l-Avviż u kif ukoll l-ittra uffiċjali ma jiswewx għar-raġuni illi dak mitlub mhux dovut, billi kwalunkwe notifika li saret bl-Avviż maħruġ mill-Kummissarju imħarrek fil-21 ta' Novembru, 2011, huwa nieqes minn dak mitlub mill-liġi taħt l-artikolu 59(1) tal-Kap. 406. Jgħid ukoll illi l-ittra uffiċjali ma tammontax għal titolu eżekuttiv billi ma ġietx preċeduta b'Avviż kif meħtieġ taħt l-artikolu 59(1) tal-Kap. 406. Skond l-attur, dan kollu jfisser illi l-Kummissarju mħarrek m'għandu ebda titolu eżekuttiv favur tiegħu x'jenforza. Jgħid ukoll illi huwa m'għadux direttur tal-kumpannija Medairco Limitetd u għaldaqstant m'għandux iwieġeb għal dak li jista' jkun dovut minnha;

Illi għal din l-azzjoni, l-Kummissarju mħarrek laqa' billi beda biex jgħid li l-attur, bħala direttur u sakemm dam f'dik il-kariga, hu responsabbli solidalment mal-kumpannija Medairco Ltd għall-obbligi fiskali tagħha, qabel id-data tal-interdizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati u liema interdizzjoni m'għandhiex effett li tneħħi b'lura r-responsabbilità tiegħu bħala direttur għall-obbligi imposti fuqu mill-liġi tul iż-żmien li hu kien iħaddan dik il-kariga. Żied jgħid li, għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-attur, kemm l-Avviż u kif ukoll l-ittra uffiċjali jindikaw kemm mis-somma mitluba kien l-ammont dovut bħala taxxa u kemm kien jirrappreżenta penali amministrattivi. Minbarra dan, l-ittra uffiċjali nħarġet limitatament għall-ħlas ta' taxxa dikjarata (mhix kontestata), flimkien mal-penali u mgħaxijiet miġmugħa u ma tolqotx il-mertu tal-appell imressaq minnu u pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli li jitratta dwar stimi ta' taxxa, ukoll jekk l-appell kien tressaq wara ż-żmien. Itenni li l-istimi ma ġewx kontestati fiż-żmien stabbilit mill-liġi u għaldaqstant joħolqu favur il-Kummissarju mħarrek titolu eżekuttiv u li l-għan ta' din il-kawża tiegħu huwa wieħed fieragħ u maħsub biss biex itawwal l-eżekuzzjoni li d-Dipartiment nieda biex jitħallas it-taxxa dovuta lilu;

[7] Paġġ. 232 – 8 tal-proċess

Illi bħala fatti relevanti illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta illi sad-9 ta' Settembru, 2009, l-attur kien direttur tal-kumpannija Medairco Limited[8] (minn issa 'l hemm imsejħa "Medairco"). Huwa wkoll azzjonista ta' l-istess kumpannija;

Illi fl-istess ġurnata, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa nstab ħati ta' akkuża ta' tixħim u, bis-saħħa tal-istess sentenza, kien interdett ċivilment għal dejjem, liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru, 2009[9];

Illi minkejja li kien irriżenja minn direttur, fil-15 ta' Jannar, 2010[10], u fil-11 ta' Awissu, 2010[11], l-attur bagħat korrispondenza lill-Kummissarju mħarrek fil-kwalità tiegħu ta' direttur maniġerjali ta' Medairco;

Illi bejn Settembru 2010[12] u Novembru, 2010[13], il-Kummissarju mħarrek bagħat jitlob lil Mediarco sabiex tgħarrfu b'isem ta' persuna ma' min seta' jikkorrispondi billi l-attur ma kienx għadu aktar direttur tal-kumpannija, kif ukoll biex magħha jiddiskuti xi korrispondenza preċedenti[14]. Mill-atti jidher li sallum Medairco baqgħet ma ħatritx diretturi minflok l-attur[15];

Illi fis-6 ta' Settembru, 2011[16], il-Kummissarju mħarrek ħareġ talba ta' ħlas li biha għarraf lill-imħarrek illi huwa ma kienx qagħad għall-ammont ta' taxxa (VAT) dikjarata minn Medairco bħala li hi dovuta minnha, u li l-għalhekk kien għadda biex għamel stima ta' taxxa (VAT) ta' dak li jidhirlu li huwa dovut. Skond l-istess nota, din l-istima kienet mehmuża, u l-attur ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu illi jappella minnha;

Illi l-attur ressaq appell f'Diċembru tal-2011 u jgħid li m'appellax qabel minn din l-istima għaliex l-istima ma kinetx mehmuża man-nota[17], filwaqt illi l-Kummissarju mħarrek jgħid illi, flimkien ma' dik in-nota, kien hemm mehmużin numru ta' stimi li ġew notifikat lill-attur fid-9 ta' Settembru, 2011[18]. Dawn l-istimi[19] huma l-istess li aktar tard ġew notifikati lill-attur fil-bini tal-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2011[20], u li jkopru ż-żmien bejn l-1 ta' Jannar, 2005

[8] Dok. "AM3" f'paġ. 7 tal-proċess
[9] Dok. "E" f'paġġ. 175 – 8 tal-proċess
[10] Dok. "MS7" f'paġ. 170 tal-proċess
[11] Dok. "MS6" f'paġ. 169 tal-proċess
[12] Dok. "MS8" u "MS9" f'paġ. 171 – 2 tal-proċess
[13] Dok. "MS10" f'paġ. 173 tal-proċess
[14] Ara affidavit ta' Mary Anne Schembri f'paġ. 160 tal-proċess
[15] Dokti "MS4" u "MS5", f'paġġ. 164 – 8 tal-proċess
[16] Dok. "MS1" f'paġ. 30 tal-proċess
[17] Paġ. 79 tal-proċess
[18] Dok. "MS" f'paġ. 29 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' Mary Anne Schembri f'paġ. 160 tal-proċess u dik ta' Kenneth Pisani f'paġ. 201 ta-proċess
[19] Paġġ. 181 – 198 tal-proċess
[20] Ara affidavit ta' l-attur f'paġ. 79 tal-proċess, xhieda tal-Avv. Patrick Spiteri f'paġ. 74 tal-proċess u affidavit ta' Carmel Dimech f'paġ. 179 tal-proċess

u t-30 ta’ Settembru, 2009, flimkien ma’ Avviż[21] għall-ħlas li jġib id-data tal-21 ta’ Novembru, 2011. L-ammont mitlub fin-nota huwa ta’ €3,548,680.03;

Illi fis-27 ta’ Diċembru, 2011[22], Medairco ressqet l-appell mill-istimi notifikati lill-attur fid-29 ta’ Novembru, 2011, quddiem il-Bord tal-Appelli dwar il-VAT (Appell Numru 168/11);

Illi fl-4 ta’ Mejju, 2012[23], il-Kummissarju mħarrek bagħat talba lill-attur permezz ta’ ittra uffiċjali sabiex jinterpellah iħallas it-taxxa dikjarata mill-kumpannija Medairco, flimkien ma’ penali u mgħaxijiet marbutin magħha. L-ammont imsemmi fl-ittra uffiċjali hu ta’ €1,768,344.59;

Illi fid-29 ta’ Mejju, 2012, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali marbutin mal-każ. L-attur jikkontesta s-siwi ta’ l-Avviż maħruġ fil-21 ta’ Novembru, 2011, kif ukoll it-titolu maħluq bl-ittra uffiċjali tal-4 ta’ Mejju, 2012;

Illi għar-rigward tal-ewwel, l-attur jgħid illi l-Avviż huwa null u bla effett, billi huwa nieqes minn dak mitlub taħt l-artiolu 59(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għar-rigward tat-tieni, jgħid illi l-ittra uffiċjali ma tammontax għal titolu eżekuttiv billi ma ġietx preċeduta b’Avviż kif meħtieġ taħt l-artikolu 59(1) tal-Kap. 406. Fi kliem ieħor, l-attur jorbot is-siwi tal-ittra uffiċjali mas-siwi tal-Avviż li nħareġ qabilha;

Illi l-Kummissarju mħarrek jilqa’ għall-ewwel billi jgħid illi l-Avviż tal-21 ta’ Novembru, 2011, kien isemmi, taħt irjus għalihom u mfisser ċar, it-taxxa, il-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet miġmugħa fuq l-ammont mitlub. Jilqa’ għat-tieni billi jgħid illi mill-istimi notifikati lill-attur fid-9 ta’ Settembru, 2011 ma tressaqx appell, u għaldaqstant l-ittra uffiċjali tal-4 ta’ Mejju, 2012, (li nħarġet limitatament għal ħlas ta’ taxxa dikjarata minn Medairco nnifisha), flimkien mal-penali u mgħaxijiet miġmugħa tammonta għal titolu eżekuttiv għaliex il-liġi tgħid hekk;

Illi din il-Qorti, speċjalment f’materja teknika bħalma hija l-kwestjoni tas-siwi ta’ avviżi jew atti ġudizzjari, jkollha ssegwi fedelment dak li tgħid il-liġi tal-proċedura;

Illi fi kliem il-liġi[24], in-nota ta’ talba għall-ħlas għandha tispeċifika x’għandu jitħallas bħala ammont ta’ taxxa u x’ikun l-ammont tal-penali

[21] Dok. “AM1” f’paġ. 5 tal-proċess
[22] Dok. “AM4” f’paġġ. 8 – 9 tal-proċess. Ara wkoll affdivit tal-attur f’paġ. 79 tal-proċess
[23] Nok. “AM2” f’paġ. 6 tal-proċess
[24] Art. 59(2) tal-Kap 406

amministrattiva, jekk ikun il-każ, dovut minħabba n-nuqqas ta' ħlas. Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien tletin (30) jum min-notifika tan-nota ta' talba għall-ħlas, il-Kummissarju huwa awtoriżżat imexxi billi jirrendi dak l-Avviż f'titolu eżekuttiv bil-ħruġ ta' att ġudizzjarju. L-Avviz maħrug minnu dwar l-ammont dovut minn persuna huwa xhieda biżżejjed li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna, kif ukoll jikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Dan japplika dejjem kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja;

Illi m'hemmx kontestazzjoni li l-attur ġie notifikat kif meħtieg bin-nota ta' talba għall-ħlas tas-6 ta' Settembru, 2011. L-attur iqanqal dubju dwar żewġ ħwejjeġ: l-ewwel, jgħid illi fin-nota li ntbagħtitlu ma tissemma ebda ċifra jew ammont li jirrappreżenta taxxa dovuta, il-penali jew l-imgħaxijiet Huwa jgħid li, minħabba li ma kienx hemm din it-tifsira, ma setax jirregola ruħu dwar it-talba għall-ħlas jew jekk kienx qiegħd jintalab iħallas xi ħaġa li ma messux. It-tieni, jgħid li hu rċieva biss in-nota bid-data tas-6 ta' Settembru, 2011 u dokument ieħor mehmuż magħha;

Illi min-naħa tal-Kummissarju mħarrek, huwa jiċħad dan u jgħid illi n-nota kellha mehmuż magħha numru ta' stimi minn fejn tirriżulta t-taxxa dovuta, il-penali u l-interessi f'kapi għal rashom u msemmija waħda waħda;

Illi l-Qorti tqis li huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[25] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[26] Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[27] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[28];

Illi huwa miżmum ukoll li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonjiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[29] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[30]

---

[25] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[26] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[27] Art. 562 tal-Kap 12
[28] Art. 559 tal-Kap 12
[29] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[30] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Catering Co Ltd***

Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[31];

Illi f'dan il-każ, ma jirriżultax lill-Qorti illi l-attur ġab prova tajba biex isejjes dak li jallega. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur seta' jressaq bħala xhud lil martu li kienet il-persuna li laqgħet in-notifika tan-nota tas-6 ta' Settembru, 2011, ta' talba għall-ħlas u li iffirmat għaliha. Bix-xhieda tagħha, l-attur seta' jitfa' dawl fuq x'seta' kien fih l-*envelope* maħruġ mill-Kummissarju mħarrek bħal per eżempju, id-daqs tiegħu, x'kien hemm mehmuż mal-istess Avviż, u l-konferma dwar jekk l-*envelope* fetħitux hi f'isem ta'żewġha jew kinetx fil-preżenza tiegħu meta nfetaħ u għaldaqstant x'rat li kien fih meta nfetaħ. Din il-prova l-attur ma ressaqhiex, u straħ biss fuq l-istqarrija tiegħu li n-nota ma kellha xejn iżjed mehmuż magħha. Min-naħa l-oħra, il-Qorti għandha quddiemha stqarrija maħruġa mir-rappreżentant tal-Kummissarju mħarrek illi tgħid illi hu poġġa l-estimi flimkien mat-talba bid-data tas-6 ta' Settembru, 2011[32], ġo *envelope* tal-qies A4, u li qabel ma nħareġ għan-notifika mill-ispetturi, issiġillah[33]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tqis illi l-prova mressqa mill-Kummissarju mħarrek jixirqilha titwemmen aktar;

Illi l-Qorti se tqis jekk in-nota bit-talba għall-ħlas kellhiex speċifikat x'għandu jitħallas bħala ammont ta' taxxa, bħala ammont ta' penali amministrattiva, u bħala imgħaxijiet. Il-Qrati tagħna stabbilew li[34]: "*.. .. għalkemm il-liġi ma tgħidx espressament li l-avviż għandu hekk jiddistingwi (breakdown), fl-interess tad-drittijiet tal-pagatur, hu importanti li dan il-breakdown isir. Min jirċievi talba għall-ħlas ta' taxxa, għandu terminu fatali li fih jista' jikkontesta t-talba, u dan it-terminu huwa mogħti kollu lill-pagatur, li m'għandux jiġi mġiegħel "jaħli" xi żmien minn dan it-terminu billi jiġri wara uffiċjali tad-dipartiment ħalli jitlob kjarifiki dwar is-sors tat-talba. It-terminu għal kontestazzjoni għandu jitħalla kollu a disposizzjoni tat-taxpayer, li għandu dritt li mill-ewwel, jingħata breakdown tas-somma mitluba, biex ikun jaf x'għandu jikkontesta u lil min jikkonsulta biex jikkontesta liema partijiet mis-somma reklamata*";

Illi fil-fehma tal-Qorti għalkemm in-nota nnifisha ma fiha ebda ammont speċifikat, hija tagħmel referenza għal stimi annessi meta wżat il-kliem "**the enclosed assessment** is being raised ......"[35], liema stimi juru biċ-ċar it-taxxa, penali u interessi għal kull perjodu li għalih tirreferi l-istima[36], u għaldaqstant l-attur bħala pagatur kien jaf fuq xiex kellu jikkontesta, kemm il-

[31] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe*** (konfermata fl-Appell fid-**19.6.2006**)
[32] Ara d-Dokti "CD1" sa "CD12", f'paġġ. 180 sa 200 tal-proċess
[33] Affidavit ta' Carmel Dimech f'paġ. 179 tal-proċess
[34] App. Ċiv. **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Medairco Limited et***
[35] Dok. "MS1" f'paġ. 30 tal-proċess, enfasi miżjud mill-Qorti
[36] Paġġ 181 sa 198 tal-proċess

darba ma qabilx mal-istimi li wasal għalihom il-Kummissarju mħarrek, billi jressaq appell minnhom;

Illi mbagħad, għar-rigward l-Avviż għall-ħlas li jġib d-data tal-21 ta' Novembru, 2011, dan jispeċifika biċ-ċar l-ammont mitlub mill-Kummissarju mħarrek minn Medairco, kif ukoll *breakdown* ta' kif l-Kummissarju wasal għalih. L-istess Avviż kellu wkoll mehmuża miegħu l-istimi li jkopru l-perjodu bejn 1 ta' Jannar 2005 u t-30 ta' Settembru, 2009. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar jekk l-attur kienx laqa' n-notifika tal-imsemmija stimi għaliex huwa nnifsu jistqarr (kif juru d-dokumenti mressqa mill-Kummissarju) illi ngħataw lilu fil-bini tal-Qorti, u kien saħansitra ngħata l-parir ta' avukat li kien miegħu li ma setax ma jaċċettahomx. Għaldaqstant, jirriżulta tajjeb biżżejjed lill-Qorti illi mhux il-każ illi l-attur tqiegħed f'xi żvantaġġ jew ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq li żammu milli jista' jikkontesta dawk l-istejjem. Wara kollox, mill-provi fl-atti ħareġ li l-attur saħansitra ressaq appell minn dak l-Avviż, sewwasew fuq it-tagħrif u d-dokumenti li kienu mehmużin miegħu;

Illi fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma illi l-Avviż tal-21 ta' Novembru, 2011 mibgħut mill-Kummissarju mħarrek lill-attur jilħaq dak mitlub mill-artikolu 59 tal-Kap. 406, u għaldaqstant il-Qorti ssib illi **l-ewwel talba attriċi** mhix mistħoqqa;

Illi **għar-rigward tat-tieni talba**, l-attur jgħid illi t-talba mressqa fl-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru, 2011, ma tammontax għal titolu eżekuttiv billi ma ġietx preċeduta b'Avviż kif meħtieġ taħt l-artikolu 59(1) tal-Kap. 406;

Illi l-Qorti mhix ta' l-istess fehma bħall-attur. Mid-dokumenti mressqa mill-partijiet, jirriżulta illi l-Avviż tal-21 ta' Novembru, 2011, jirreferi għall-stima ta' dak li l-Kummissarju mħarrek qies li hu dovut minn Medairco għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2005 u t-30 ta' Settembru, 2009. Parti minn dan l-ammont huwa dak dikjarat minn Medairco nnifisha bħala "taxxa dovuta" minnha lill-Kummissarju mħarrek għall-perjodu bejn 1 ta' Lulju, 2006 u t-30 ta' Ġunju, 2009. Jirriżulta wkoll illi Medairco ressqet appell minn dak l-Avviż, u li t-talba mressqa fl-ittra uffiċjali ma tifformax parti mill-istimi illi qed jiġu kontestati fl-imsemmi appell;

Illi l-attur rabat is-siwi tal-ittra uffiċjali biss mas-siwi tal-Avviż li ntbagħat qabel. Din il-Qorti tat il-fehma tagħha dwar is-siwi tal-Avviż. L-attur ma ressaq 'il quddiem l-ebda raġuni oħra biex jattakka s-siwi tal-ittra uffiċjali. Għaldaqstant, ġaladarba l-ammont mitlub fin-nota ta' talba għall-ħlas tas-6 ta' Settembru, 2011, tkopri dak mitlub fl-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 2012, u ladarba l-ammont mitlub mill-Kummissarju mħarrek f'dak l-att ġudizzjarju u li l-attur, f'isem Medairco, qal li hu dovut ma tħallasx fi żmien tletin ġurnata,

isegwi illi l-ittra uffiċjali tal-4 ta' Mejju, 2012, hija tajba u tiswa għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Għalhekk, il-Qorti ssib li **t-tieni talba attriċi** wkoll ma jixirqilhiex tintlaqa';

Illi **t-tielet u r-raba' talbiet** isegwu l-ewwel żewġ talbiet u l-Qorti mhix ser tqishom aktar;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju mħarrek** billi huma mistħoqqa;

**Tiċħad** t-talbiet attriċi, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż ta' din il-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**14 ta' Frar, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**14 ta' Frar, 2019**